# Il-Knisja ta' San Leonardu f'Ħaż-Żabbar

**Mario Fenech**

*Wara li sena ilu Mario Fenech wasslilna tagħrif dwar id-devozzjoni lejn San Leonardu f'maqdes tas-seklu 15 ġewwa Wied Liemu r-Rabat, din is-sena ser iwasslilna tagħrif dwar il-Knijsa, illum abbandunata, iddedikata lil San Leonardu fl-akwati ta' Ħaż Żabbar. L-inħawi ta' San Anard f'Ħaż-Żabbar kienu magħrufa anke fost il-Kavalieri minħabba il-ġebel tal-qawwi ta' fuq ta' lewn bajdani li kien jinsab fil-wiċċ. Dan prattikament inqata' kollu sabiex jintuża f'binjiet mill-aktar importanti, fosthom il-kolonni li hemm maż-żewġ bibien prinċipali tal-Palazz tal-Granmastru fil-Belt.*

Fil-lokalita' ta' Ħaż Żabbar insibu numru ta' Knejjes żgħar, hekk imsejħa filjali, li ġew mibnija matul is-snin f'sekli differenti. Waħda minn dawn il-Knejjes żgħar hija ddedikata lill San Anard li għalkemm il-lum ma tantx hija fi stat tajjeb nafu li għanda storja li teħodna lura sew fis-snin. L-inħawi fejn hemm din il-Knisja jissejjħu bħala "Ta' San Anard." Il-Knisja tinsab biswit binja oħra antika li għal dawn l-aħħar snin ħafna jsibuha bħala "id-dar tas-soru." Kien ħa ħsieb il-bini ta' din il-Knisja wieħed benestant mill-Birgu Leonardu Sammut lejn nofs is-seklu sbatax.

Kienet prattika komuni dak iż-żmien li l-benefatturi ta' dawn il-Knejjes kienu jiddedikaw il-Knejjes li jkunu ser jibnu lil Qaddisin li jkunu msemmija għalihom. Dan l-istess benefattur għammar il-Knisja b'dak kollu li kellha bżonn u kien jieħu ħsieb jagħmel il-Festa tal-Qaddis fix-xahar ta' Novembru.

Fis-sena 1717 il-Knisja għaddiet f'idejn ċertu wieħed Franġisku Azzopardi li kompla fejn ħalla Leonardu Sammut. Aktar tard dan għadda l-Knisja f'idejn ibnu Dun Mattew Azzopardi. Maż-żmien din il-Knisja ta' San Anard u l-binja ta biswitha għaddew minn id għall-oħra sakemm fil-preżent dawn jinstabu fi stat ħażin u mitluq.



***Il-knisja ta' San Leonardu, f'Ħaż Żabbar***

Il-kwadru tal-Knisja fortunatament għadu jeżisti u fih l-artist, mhux magħruf, pinġa fil-parti ta' fuq tat-tila lill-Madonna bil-Bambin f'idejha b'dija ta' kulur dehbi ħierġa minn warajha u mdawwra bi sħab abjad. Fil-parti t'isfel tat-tila l-Qaddis li għalih kienet ġiet iddedikata l-Knisja San Anard bil-katina f'idu Simbolu tal-Protettur ta' dawk fil-jasar. Fuq in-naħa tax-xellug tat-tila l-figura tal-Arkanġlu San Mikiel. Ma nafux x'kienet ir-raġuni li għaliha kien ġie inkluż f'dan il-Kwadru. Jista' jkun li xi membru tal-familja ta' Leonardu Sammut kien jismu Mikiel jew Mikelina.

Hija ħasra li din il-Knisja flimkien mal-binja li hemm biswitha jinstabu fi stat daqshekk ħażin u fil-biża li jintilfu għalkollox. Dawn il-Knejjes huma parti mill-Istorja u l-Patrimonju Nazzjonali tagħna u għandna nieħdu ħsiebhom biex ma jintilfux għalkollox.

Il-Festa t-tajba lil kulħadd!